**19 ta' Ġunju, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

L-Avukat Dottor Stefan Frendo *noe*

*versus*

Philip Attard *noe*

## Ċitazzjoni – Kawżali – Nullità

*Iċ-ċitazzjoni ma għandhiex tiġi mwaqqa' ħlief għal raġunijiet gravi u, fost kollox, wieħed għandu jara jekk minn xi nuqqas jew xi żbalji li jkun fiha jiġix ippreġudikat il-konvenut b'mod li ma jkunx jista' jiddefendi ruħu.*

*M'huwiex leċitu li kawżali tkun mibdula jew li l-kawża tinqata' fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni.*

*Il-liġi ma titlobx kliem partikolari għal kif għandha tiġi formulata ċ-ċitazzjoni, iżda biżżejjed jiftiehem xi jkun qiegħed jitlob l-attur, b'mod li l-kawżali tista' tkun espressa lakonikament u tista' anke tkun indotta mid-domanda, u, jekk ma tkunx ċara biżżejjed fiċ-ċitazzjoni, biżżejjed tkun imfissra fid-dikjarazzjoni, li għandha titqies ħaġa waħda maċ-ċitazzjoni u għalhekk tista' tgħin biex tiċċara l-kawżali;*

*Meta ma tingħatax informazzjoni biżżejjed biex tiftiehem iċ-ċitazzjoni, u l-kawżali u t-talbiet ma humiex ċari u jqiegħdu lill-konvenut f'diffikoltà biex jiddefendi l-kawża, iċ-ċitazzjoni hija nulla.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, fil-kwalità tiegħu hawn fuq imsemmija, wara li ppremetta illi l-konvenut *nomine* ġie inkarigat mill-assigurati ta' l-attur *nomine* sabiex iġorrilhom merkanzija permezz ta' *trailer* numru 8040, proprjetà tal-konvenut, *via* Livorno, fl-Italja, minn fejn fit-30 ta' Diċembru, 1986, l-imsemmi *trailer* kellu jitgħabba fuq il-bastiment *Roro "Marjan"* għal Malta; illi minħabba negliġenza u/jew traskuraġni u/jew imprudenza u/jew nuqqas ta' tħaris u osservanza fl-adempjament ta' l-obbligi tiegħek bħala trasportatur u/jew minħabba raġunijiet oħra imputabbli lill-konvenut f'Novembru/Diċembru, 1986, l-imsemmi *trailer*

insteraq minn fejn il-port ta' Livorno fl-Italja u b'hekk il-merkanzija ma waslitx għand l-assikurati ta' l-attur *nomine* u sofrew danni; illi l-attur *nomine* ħallas lill-assikurati tiegħu għad-danni minnhom sofferti u ġie *surrogat fid-drittijiet tagħhom*; u peress illi l-konvenut naqas li jagħmel tajjeb għad-danni sofferti, għalkemm interpellat; l-istanti talab illi għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti: 1. tiddeċidi u tiddikjara li l-konvenut *nomine* huwa responsabbli għad-danni sofferti; 2. tillikwida l-istess danni; u 3. *tikkundanna* lill-istess konvenut *nomine* jħallas lill-attur *nomine* s-somma hekk likwidata bħala danni;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra il-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur *nomine*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine*, li biha qal illi preliminarjament iċ-ċitazzjoni hija nulla *stante* li l-attur *nomine* ma indikax li fl-*occhio* u anqas fil-korp taċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-fatti, l-isem tal-persuna li fid-drittijiet tagħha huwa ġie *surrogat*;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut *nomine*;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur *nomine*;

Rat l-atti kollha tal-proċess; u,

Ikkunsidrat:

*Illi n-nullità ta' l-atti ġudizzjarji* (bħalma ċertament huwa l-att taċ-ċitazzjoni) tista' tingħata, fost każijiet oħrajn, u għal dak li jista' jkun rilevanti għall-każ in eżami, "jekk l-att ikun

nieqes minn xi partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi espressament'' (artikolu 789(1)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili);

Illi skond l-artikolu 156 ta' l-istess Kodiċi, iċ-ċitazzjoni għandha tkun ippreparata mill-attur u għandu jkun fiha ''tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba''; u li flimkien maċ-ċitazzjoni għandhom jinġiebu d-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba (art. 156(1)(a) **u** (2) ). Iċ-ċitazzjoni għandha wkoll tkun akkompanjata b'dikjarazzjoni li ''jkun fiha miġjuba biċ-ċar b'ħaġa l-fatti tal-kawża li jkun jaf bihom l-attur (art., 156(3) ). Għall-aħjar intediment tal-konsiderandi ta' din il-kawża, għandu jingħad ukoll li ''tkun ir-responsabbiltà ta' l-attur li jieħu ħsieb li, permezz tar-reġistratur, kopja taċ-ċitazzjoni u tad-dikjarazzjoni tiġi nnotifikata lill-konvenut'', (art. 157 ta' l-imsemmi Kodiċi);

Illi huwa veru li kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna, iċ-ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqa' ħlief għal raġunijiet gravi u, fost kollox, wieħed għandu jara jekk minn xi nuqqas jew xi żbalji li jkun fiha jiġix ippreġudikat il-konvenut biex ma jkunx jista' jiddefendi ruħu (Vol. XXXIX.I.106, **Merola *vs* Caruso,** 20-2-1935). Però daqstant ieħor intqal li l-oġġett u r-raġuni tat-talba ġudizzjarja għandhom ikunu mfissrin ċar u sewwa fiċ-ċitazzjoni; u quddiem dawn il-Qrati m'huwiex leċitu li l-kawżali tiġi mibdula jew li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni (**Vassallo vs Mizzi et,** 29-1-1951 – Vol. XXXV.I.5). Huwa veru wkoll li l-liġi ma tirrikjedix kliem partikolari għal kif għandha tiġi fformulata ċ-ċitazzjoni, imma biżżejjed jinftiehem x'ikun qed jitlob l-attur, b'mod li l-kawżali tista' tkun espressa lakonikament u tista' tkun saħansitra indotta mid-domanda, u, jekk ma tkunx ċara biżżejjed fiċ-

ċitazzjoni, biżżejjed tkun spjegata fid-dikjarazzjoni relattiva (Vol. XLIII.II.748). Intant id-dikjarazzjoni għandha tiġi kkunsidrata ħaġa waħda maċ-ċitazzjoni, konsegwentement tgħin biex tiċċara l-kawżali (Vol. XXXII.I.228);

Illi fil-każ in eżami m'hemmx kuntrast li l-attur qiegħed jazzjona lill-konvenut bħala surrogat fid-drittijiet ta' assigurati tiegħu. Iżda huwa ma speċifikax la fl-*occhio*, la fil-kawżali u lanqas fit-talbiet tiegħu min kienu dawn l-assigurati tiegħu. Dan ma jistax ma jpoġġix lill-konvenut f'diffikultà gravi biex jiddefendi ruħu. Din l-informazzjoni hija neċessarja biex tiftiehem iċ-ċitazzjoni, għalkemm kif qal l-attur id-dritt ta' azzjoni kontra d-debitur prinċipali f'każijiet analogi jgħaddi mingħand l-assigurant (bħala l-kreditur oriġinali) għal fuq it-terz li jħallas (jiġifieri f'dan il-każ fuq il-kumpanija assiguratriċi). L-attur jgħid li dan jista' jiġi implikat mid-dokumenti li ġew esibiti maċ-ċitazzjoni. Iżda, apparti d-diffikultà li wieħed neċessarjament jirriskontra biex jagħmel dan mid-dokumenti esibiti, wieħed ma jridx jinsa li d-dokumenti ma jiġux innotifikati lill-konvenut flimkien maċ-ċitazzjoni. Lanqas ma wieħed jista' jsib għajnuna biex jiċċarra l-kawżali mid-dikjarazzjoni, għaliex anki hawn ma ġiex iddikjarat min huma assigurati ta' l-attur li ġew minnu kkumpensati għat-telf li ġarrbu u surrogat fid-drittijiet tagħhom kontra l-konvenut *nomine* li huwa allegatament responsabbli direttament għad-danni ossija telf minnhom sofferti. Intant, id-dikjarazzjoni hija riproduzzjoni kważi verbativa taċ-ċitazzjoni stess. Il-kawżali u t-talbiet, speċjalment l-ewwel talba, mhux biss huma redatti b'mod lokoniku, iżda m'humiex ċari u ma jistgħux ma jpoġġux lill-konvenut f'diffikultà biex jiddefendi l-kawża. Lanqas ma huwa każ fejn il-kawżali jistgħu jiġu indotti mit-talba. Għaldaqstant dil-Qorti, *fil-waqt li hija konxja mit-tendenza* moderna li għandu jkun hemm temperament għar-rigorosità tal-

formaliżmu antik, u li n-nuqqas ta' indikazzjoni tal-fatt tas-surroga fl-*occhio* kien ikun kważi skużabbli, b'danakollu ma tistax tittollera l-każ fejn dan in-nuqqas huwa nieqes ukoll fil-kawżali, għax la huwa indikat b'mod ċar u lanqas b'mod impliċitu;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut *nomine*; u konsegwentement tiddikjara ċ-ċitazzjoni nulla u tillibera lill-konvenuti *nomine* mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż għall-attur *nomine*.